MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## PETER BORG COSTANZI

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2008

Talba Numru. 125/2008

**Aplan Limited – C 2450**

**Vs**

**Antonio Allen**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjetà attrici talbet il-hlas tas-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin euro u tmenin centezmu (€882.80) - (Lm 378.99) liema ammont huwa rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u debitament ikkonsenjata lid-debitur.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenut gie debitament notifikat bl-Avviz, ma kkontestax il-kawza fit-

terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma deher ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjetà attrici u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjetà attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas is-somma ta' tmien mija u tnejn u tmenin euro u tmenin centezmu (€882.80) -(Lm 378.99), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenut.

**Av. Peter Borg Costanzi**
Gudikatur

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------